



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 4.4.2012
SWD(2012) 82 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar is-simplifikar tat-trasferiment ta' vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru ieħor fi ħdan is-Suq Uniku

{COM(2012) 164 final}
{SWD(2012) 81 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar is-simplifikar tat-trasferiment ta' vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru ieħor fi ħdan is-Suq Uniku

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA - OĠĠETTIVI

Il-problemi bir-reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur huma eżempju tipiku tal-burokrazija żejda msemija fl-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluziv¹. Dawn il-problemi ġew identifikati fl-ewwel Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE² bħala waħda mill-ostakli prinċipali li jħabbtu wiċċhom iċ-ċittadini meta jeżerċitaw jeddijiethom skont il-liġi tal-UE f'ħajjithom ta' kuljum. Barra minn hekk, ġew enfasizzati wkoll bħala wieħed mill-20 punt ta' tħassib konnessi mas-Suq Uniku kif jinsab bħalissa, fl-lista miġbura mill-Kummissjoni³.

Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika żewġ problemi ewlenin li jolqtu r-reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru ieħor:

- (1) Meta vettura bil-mutur tiġi rreġistrata fi Stati Membru partikolari u tintuża ta' spiss f'ieħor, tinqala' l-kwistjoni dwar f'liema Stat Membru għandha tkun irreġistrata. Iċ-ċittadini li jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor, il-ħaddiema li jaqsmu fruntiera biex imorru x-xogħol, il-kumpaniji li jikru l-karozzi u daww li jwollu vettura bil-mutur fi Stat Membru ieħor spiss jiġu obbligati jirreġistraw il-vettura inkwistjoni fit-territorju fejn jgħixu jew fejn tintuża l-vettura, minkejja li tkun diġà rreġistrata fi Stat Membru ieħor. In-negozjanti tal-vetturi bil-mutur użati, li spiss ikunu SMEs, ukoll iħabbtu wiċċhom mal-istess problema meta jixtru xi vettura bil-mutur fi Stat Membru ieħor. Il-kumpaniji li jwollu ukoll jiffaċċjaw il-problemi, talanqas jekk ikunu d-detenturi taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni filwaqt li l-vettura bil-mutur tintuża minn persuna li tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor. Fl-aħħar nett, il-kumpaniji li jikru l-karozzi li jixtiequ jittrasferixxu parti mill-flotta tagħhom lejn Stat Membru ieħor għal perjodu qasir ta' żmien sabiex ilaħħqu mad-domandi staġjonali, normalment jintalbu jirreġistraw il-vetturi bil-mutur inkwistjoni f'dak l-Istat Membru.
- (2) Jekk vettura bil-mutur tkun teħtieġ li tiġi rreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor, il-formalitajiet amministrattivi biex tinkiseb ir-reġistrazzjoni fl-Istat Membru reċipjenti spiss huma ta' piż żejjed u jikkawżaw id-dewmien. Il-piż addizzjonali huwa kkawżat l-aktar mill-fatt li l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni

¹ COM(2010)2020 tat-3.3.2010.

² COM(2010)603, tas-27.10.2010.

³ Ara http://ec.europa.eu/internal_market/strategy/docs/20concerns/publication_en.pdf.

tal-Istat Membru reċipjenti f'it jew xejn ma jkollhom informazzjoni dwar il-vettura bil-mutur, għajr l-informazzjoni li tkun tinsab fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni. Li kieku vettura jkollha tiġi rreġistrata mill-ġdid fl-istess Stat Membru, l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni jkunu jistgħu jserrġu fuq l-informazzjoni li jsibu fil-bażijiet tad-dejta nazzjonali tagħhom. Bħalissa, ir-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru ieħor tinvolvi għadd ta' passi amministrattivi u, aktar importanti minn hekk, kontrolli u verifiki varji, bħas-sottomissjoni ta' ċertifikat ta' konformità u testijiet nazzjonali dwar kemm il-vettura hija adatta biex tinsaq fit-toroq.

L-oġġettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li ttejjeb il-funzjonament tas-suq uniku permezz tal-eliminazzjoni tal-ostakli amministrattivi konnessi mal-proċedura tar-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi bil-mutur, li bħalissa xxekkel il-moviment liberu tal-merkanzija.

L-oġġettivi speċifiċi ta' din l-inizjattiva huma:

- Li tarmonizza, tistandardizza, u tissimplifika l-proċeduri tar-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi bil-mutur li jkunu ġew irreġistrati qabel fi Stat Membru ieħor, għaċ-ċittadini, l-impjegati, l-impjegaturi, il-kumpaniji tal-kiri u t-twellija tal-karozzi, u l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni;
- Li permezz t'hekk tnaqqas l-piżijiet amministrattivi għal daww kollha involuti bla ma xxekkel is-sikurezza tas-sewqan fit-toroq jew il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-frodi.

L-oġġettivi operattivi ta' din l-inizjattiva huma:

- Li tiddetermina f'liema Stat Membru għandha tiġi rreġistrata vettura bil-mutur trasferita minn pajjiż għal ieħor fi ħdan l-UE;
- Li tnaqqas it-tul ta' żmien li jieħdu l-proċeduri tar-reġistrazzjoni mill-ġdid;
- Li tnaqqas il-piż amministrattivi għaċ-ċittadini u l-imprezzi billi tillimita l-għadd ta' dokumenti meħtieġa biex wieħed iwettaq il-proċedura tar-reġistrazzjoni mill-ġdid u billi tħaffef l-iskambju tad-dejta bejn l-awtoritajiet nazzjonali tar-reġistrazzjoni.

2. IS-SUSSIDJARJETA

L-aspetti transkonfinali tar-reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur baqgħu jikkawżaw problemi fi ħdan is-suq intern. Ngħidu aħna, kien hemm 17-il sentenza u ordni tal-Qrati tal-Ġustizzja dwar l-ostakli, ikkawżati minn kwisjonijiet konnessi mar-reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur, għall-moviment liberu tal-merkanzija, is-servizzi u l-persuni.

Il-problemi u d-differenzi attwali fir-regoli amministrattivi fil-livell nazzjonali fir-rigward tar-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi bil-mutur li kienu ġew irreġistrati qabel fi Stat Membru ieħor jimpedixxu l-moviment liberu ta' dawn il-vetturi fi ħdan l-UE. Għaldaqstant, l-UE għandha d-dritt li taġixxi abbażi tal-Artikolu 114 TFUE, biex tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq uniku għall-vetturi bil-mutur użati

mixtrija fi Stat Membru ieħor, għaċ-ċittadini li jittrasferixxu vettura bil-mutur lejn Stat membru ieħor ta' residenza, għal ċittadini li jużaw vettura bil-mutur irreġistrata fl-Istat Membru fejn huma impjegati, kif ukoll għall-azjendi li jikru l-karozzi (u sa ċertu punt inqas għall-azjendi li jwellu) li, minħabba rekwiżiti ta' reġistrazzjoni li jikkonċernaw lilhom jew lill-klijenti tagħhom, iħabbtu wiċċhom ma ostakli għall-użu transkonfinali ta' dawn il-vetturi. Biex tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-inizjattiva ma għandhiex, madankollu, tikkunsidra għażliet li jikkonċernaw ir-reġistrazzjonijiet mill-ġdid fi ħdan l-istess Stat Membru, jew it-trasferiment ta' vettura bil-mutur fi ħdan l-istess Stat Membru.

Matul il-konsultazzjoni pubblika, maġġoranza sinifikanti f'kull kategorija ta' partijiet interessati kkunsidrrat li għandha tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE biex tittejjeb is-sitwazzjoni attwali. L-awtoritajiet pubbliċi kollha li taw sehemhom fil-konsultazzjoni jaqblu li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE.

3. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

L-għażliet ta' politika ssawru abbażi tal-preżunzjonijiet li ġejjin:

- L-ewwel reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur ġdida fl-UE normalment isseħħ fl-Istat Membru tar-residenza/stabbiliment tal-applikant (jiġifieri d-detentur futur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni) minkejja li xi drabi l-vetturi bil-mutur ġodda jiġu rreġistrati minn bejjiegħ tal-vetturi bil-mutur fi Stat Membru wieħed u mbagħad jinxtraw minn konsumatur li jkun residenti fi Stati Membru ieħor.
- L-Istati Membri jibqgħu liberi li jeżerċitaw setgħethom f'dik li hija taxxa fir-rigward tal-vetturi bil-mutur abbażi tat-territorju li fih il-vettura attwalment tintuża, jew tar-residenza tax-xufier, skont il-liġi tal-UE. Pereżempju, it-taxxi taċ-ċirkulazzjoni jinżammu mill-Istat Membru li fih tkun irreġistrata l-vettura jew mill-Istat Membru fejn essenzjalment tkun qed tintuża l-vettura.
- L-ebda waħda mill-għażliet ma tikkonċerna r-reġistrazzjonijiet mill-ġdid fi ħdan l-istess Stat Membru, jew it-trasferiment ta' vettura bil-mutur fi ħdan l-istess Stat Membru.

L-għażliet ta' politika li jridu jiġu evalwati vizavi l-għażla bażika (jiġifieri is-segwiment ta' proċedimenti ta' ksur u l-pubblikazzjoni ta' komunikazzjonijiet interpretattivi) ikun kif ġej:

3.1. **Għażla 1: Reġistrazzjoni waħdanija għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-vettura bil-mutur ("Reġistrazzjoni Waħdanija")**

Skont din l-għażla, il-vettura bil-mutur tiġi rreġistrata darba fl-UE għaċ-ċiklu tal-ħajja tagħha kollu. Il-vetturi bil-mutur iżommu r-reġistrazzjoni oriġinali sakemm jilhq u l-istatus ta' tmiem-il-ħajja. Meta l-vettura tiġi trasferita lil detentur ġdid, ir-reġistrazzjoni oriġinali tibqa' tgħodd.

Din l-għażla jaf ikollha impatti negattiv vasti fuq is-sikurezza tas-sewqan fit-toroq (testijiet ta' kemm il-vettura hija adatta għas-sewqan fit-toroq), l-infurzar tat-traffiku u l-kriminalità li tinvolvi l-vetturi bil-mutur, l-assikurazzjoni tal-vetturi bil-mutur, is-

suq tal-vetturi użati u ż-żamma tat-taxxi tar-reġistrazzjoni u ċ-ċirkulazzjoni. Ikollha impatti pożittivi fuq il-gruppi l-oħra fil-mira.

L-Għażla 1 telimina l-ispejjeż amministrattivi għan-negozji u ċ-ċittadini kif ukoll għall-awtoritajiet pubbliċi li jeżistu fix-xenarju bażiku. Dan iwassal għal frankar ta' EUR 1 500 miljun fis-sena. It-telf fil-profit ikun eliminat ukoll, billi l-vettura issa tkun tista' tintuża bla interruzzjoni. Dan jippermetti frankar ta' EUR 336 miljun fis-sena. L-ispejjeż speċifiċi għall-kumpaniji li jikru l-karozzi jgħibu wkoll permezz ta' din l-għażla ta' politika (EUR 636 miljun) peress li dawn ikunu jistgħu jittrasferixxu l-vetturi bil-mutur bejn pajjiż u ieħor bla ebda trażżin.

3.2. Għażla 2: id-detentur iżomm ir-reġistrazzjoni tiegħu/tagħha fl-UE kollha, iżda jekk ikun hemm trasferiment tal-vettura għand detentur ġdid, dan ikun jirrikjedi reġistrazzjoni ġdida

B'din l-għażla, kull detentur (jiġifieri d-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni) jżomm ir-reġistrazzjoni tiegħu/tagħha sakemm il-vettura tiġi ttrasferita għand id-detentur l-ieħor. Fi kliem ieħor, il-vetturi bil-mutur ma għandhomx jiġu rreġistrati mill-ġdid meta d-detentur jibdel ir-residenza tiegħu/tagħha għal Stat Membru ieħor. F'dan il-każ, però, hu/hi għandu/għandha jinforma/tinforma lill-awtoritajiet tal-Istat Membru l-ġdid tiegħu/tagħha li min-naħa tiegħu għandu jinforma lill-kontropartijiet tiegħu fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Trasferiment tal-vettura għand detentur ieħor, madankollu, jkun jeħtieġ reġistrazzjoni mill-ġdid. Din l-għażla ġiet subdiviża fis-subgħażla 2a (l-ebda formalitajiet), is-subgħażla 2b (ċittadini li jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor ikunu jistgħu iżommu r-reġistrazzjoni oriġinali tal-vettura imma jkollhom jinfurmaw lill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tal-Istat Membru tar-residenza preċedenti dwar ir-residenza l-ġdida tagħhom), u s-subgħażla 2c (ċittadini li jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor ikunu jistgħu jżommu r-reġistrazzjoni oriġinali tal-vettura tagħhom iżda jkollhom jinfurmaw lill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tal-Istat Membru l-ġdid tagħhom dwar ir-residenza il-ġdida tagħhom).

Din l-għażla jkollha impatti negattivi fuq is-sikurezza tas-sewqan fit-toroq (testijiet dwar kemm il-vetturi huma adatti biex jnsaqu fit-toroq) u l-infurzar tat-traffiku, l-assikurazzjoni tal-vetturi bil-mutur u t-tassazzjoni tal-vetturi bil-mutur. Madankollu, din l-għażla jkollha impatti pożittivi fuq iċ-ċittadini li jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor, il-ħaddiema li jaqsmu fruntiera mid-dar għax-xogħol, il-kumpaniji li jwellsu, il-kumpaniji li jikru l-karozzi u l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni. Ikollha impatt newtrali fuq is-suq tal-vetturi bil-mutur użati u l-kriminalità bil-vetturi.

L-iffrankar stmat ivarja bejn EUR 2 472 miljun (subgħażla 2a), EUR 2 385 miljun (subgħażla 2b) u EUR 2 343 miljun (subgħażla 2c) fis-sena.

3.3. Għażla 3: reġistrazzjoni fl-Istat Membru tad-detentur tal-vettura u reġistrazzjoni mill-ġdid ssimplifikata

Meta d-detentur jibdel ir-residenza tiegħu/tagħha għal Stat Membru ieħor jew meta l-vettura tiġi trasferita għand detentur ieħor fi Stat Membru ieħor, il-vettura bil-mutur tkun trid tiġi rreġistrata mill-ġdid, iżda għal dan tkun tapplika proċedura tar-reġistrazzjoni ssimplifikata. Din il-proċedura ssimplifikata tkun tillimita x-xogħol burokratiku u l-għadd ta' kontrolli, permezz ta' lista dettaljata ta' dokumenti li

jistgħu jew ma jistgħux jiġu rikjesti, u projbizzjoni espliċita li jintalbu dokumenti supplimentari.

L-ebda impatti negattivi ma jistgħu jiġu identifikati fil-każ ta' din l-għażla. Ikollha impatt newtrali fuq it-tassazzjoni tal-vetturi bil-mutur, l-infurzar tat-traffiku, is-sikurezza tas-sewqan fit-toroq u l-assikurazzjoni tal-vetturi bil-mutur, filwaqt li jkollha impatt pożittiv fuq il-gruppi milquta l-oħrajn.

L-ispejjeż amministrattivi jitnaqqsu billi din l-għażla telimina l-ħtieġa għal dereġistrazzjoni u tnaqqas iż-żmien u l-ispejjeż meħtieġa għar-reġistrazzjoni mill-ġdid. Fuq medda qasira ta' żmien, l-awtoritajiet pubbliċi xorta jkollhom iwettqu l-proċeduri tad-dereġistrazzjoni.

Din l-għażla tippermetti frankar ta' EUR 1 171 miljun fis-sena.

3.4. Għażla 4: reġistrazzjoni fl-Istat Membru fejn il-vettura bil-mutur tintuża primarjament u reġistrazzjoni mill-ġdid issimplifikata

Skont din l-għażla, il-vettura bil-mutur għandha tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-użu ewlieni, anki f'każ li d-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jkun resident permanenti jew stabbilit fi Stat Membru ieħor. Il-proċedura tar-reġistrazzjoni, madankollu, tiġi ssimplifikata bħal fil-każ tal-għażla 3.

Din l-għażla jkollha impatti pożittivi għall-kumpaniji li jikru l-karozzi u l-infurzar tat-traffiku. Id-diffikultà ewlenija ta' din l-għażla hija l-fatt li hija vaga u d-diffikultajiet li taf tagħti lok għalihom fil-prattika, speċjalment għall-persuni jew in-negozji li jużaw vetturi fi Stati Membri differenti. Il-kunċetti ta' 'użu essenzjali fuq bażi permanenti' jew 'użu attwali fuq bażi permanenti' ikollhom jiġu ċċarati aktar u jingħataw definizzjoni preċiża. Għaldaqstant, din l-għażla jkollha impatti negattivi fuq iċ-ċittadini, il-ħaddiema li jaqsmu fruntiera biex imorru x-xogħol, l-impjegaturi, il-kumpaniji tat-twellija u t-tassazzjoni fuq il-vetturi bil-mutur. Din l-għażla jkollha impatti newtrali fuq l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni, il-kriminalità bil-vetturi u l-assikurazzjoni tal-vetturi bil-mutur.

Din l-għażla tippermetti frankar ta' EUR 1 171 miljun fis-sena.

3.5. Għażla 5: ottimizzar tal-iskambju elettroniku tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali tar-reġistrazzjoni

Din l-għażla tipprevedi li l-informazzjoni teknika dwar il-vetturi bil-mutur u l-aħħar dettalji dwar ir-reġistrazzjoni fl-Istati Membri tal-oriġini jkun jistgħu jinġabru elettronikament mill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, permezz tas-sistema eżistenti 'EUCARIS'.

L-Għażla 5 ikollha impatti pożittivi fuq iċ-ċittadini li jgħibu l-vettura tagħhom fil-pajjiż tar-residenza, fuq l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni, fuq il-kriminalità bil-vetturi u fuq is-suq tal-vetturi użati. Ma setgħu jiġu identifikati l-ebda impatti negattivi. Fl-aħħar nett, din l-għażla jkollha impatti newtrali fuq il-ħaddiema li jaqsmu fruntiera biex imorru x-xogħol, il-kumpaniji li jwellsu u l-kumpaniji li jikru l-karozzi, it-tassazzjoni fuq il-vetturi bil-mutur, l-infurzar tat-traffiku u l-assikurazzjoni tal-vetturi bil-mutur.

Din l-għażla tippermetti frankar stmat ta' EUR 274 miljun fis-sena.

4. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

L-impatti tal-għażliet varji fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv huwa mogħti fil-qosor hawn taħt:

Għażliet	1	2a	2b	2c	3	4	5
Iċ-Ċittadini u n-Negożji	1,400	1,400	1,359	1,360	890	890	133
L-Awtoritajiet pubbliċi	100	100	78	56	776	53	29
Spejjeż amministrattivi totali (A)	1,500	1,500	1,437	1,416	943	943	162
Telf ta' profitt (B)	336	336	336	336	224	224	112
Frankar fuq spejjeż ta' kiri f'direzzjoni waħda	418	418	409	407	0	0	0
Frankar fuq nuqqas ta' domanda	202	202	188	169	0	0	0
Frankar fuq domanda staġjonali fl-aqwa tagħha	16	16	15	15	4	4	0
Frankar addizzjonali totali għall-kumpaniji li jikru l-karozzi (C)	636	636	612	591	4	4	0
TOTAL (A+B+C)	2,472	2,472	2,385	2,343	1,171	1,171	274

Ix-xenarju bażiku jiġġenera spejjeż amministrattivi sinifikanti u spejjeż oħra għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-awtoritajiet pubbliċi. Minn din il-perspettiva, l-għażliet kollha jwasslu għal titjib sinifikanti tas-sitwazzjoni u tnaqqis tal-ispejjeż (speċjalment fil-piż amministrattiv) għal dawk kollha involuti.

L-impatti kwalitattivi tal-għażliet huma miġbura fil-qosor fit-tabella ta' paragon kwalitattiv li ġejja:

Għażliet	1	2a	2b	2c	3	4	5
Gruppi fil-mira							
Iċ-ċittadini li jittrasferixxu r-residenza	+	+	+	+	+	0	+
Is-suq tal-vetturi bil-mutur użati	+	0	0	0	+	0	+
Il-ħaddiema li jaqsmu fruntiera biex imorru x-xogħol	+	+	+	+	+	-	0
Azjendi tat-twellija	+	+	+	+	+	-	0
Azjendi li jikru l-karozzi	+	+	+	+	+	+	0
L-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni	+	+	+	+	+	0	+
Impatti oħra							
Kontrolli dwar kemm vettura tkun adatta għas-sewqan fit-toroq	-	-	0	0	0	0	0
Infurzar tat-traffiku	-	-	0	0	0	+	0
Assikurazzjoni tal-vetturi	-	-	-	-	0	0	0
Kwistjonijiet fiskali	-	-	-	-	0	0	0
Kriminalità bil-vetturi	-	0	0	0	+	0	+
+ = impatt pożittiv - = impatt negattiv 0 = impatt newtrali							

It-tabella turi li l-ebda għażla ma tolqot il-problemi kollha.

Tqabbil tal-impatti kwantifikabbli u mhux kwantifikabbli jwassal għar-riżultati li ġejjin, meta mqabbla mal-għażla bażika:

Paragun bejn l-impatti kollha							
Għażliet	1	2a	2b	2c	3	4	5
Frankar (milljuni ta' euro)	2,472	2,472	2,385	2,343	1,171	1,171	274

Dan iwassal għas-sejba preliminari li l-għażliet kollha jwasslu għal frankar konsiderevoli iżda wkoll li, minkejja dak l-iffrankar, l-għażliet 1, 2a, 2b u 4 iġibu magħhom impatti negattivi importanti ferm, speċjalment fir-rigward tal-assikurazzjoni tal-vetturi bil-mutur u t-tassazzjoni tal-vetturi bil-mutur.

Għaldaqstant, huwa rrakkomandat li jintgħażlu biss l-għażliet ta' politika li jippreżentaw biss impatti pożittivi u newtrali, jiġifieri:

- L-Għażla 3: reġistrazzjoni fl-Istat Membru tad-detentur tal-vettura u reġistrazzjoni mill-ġdid issimplifikata.
- L-Għażla 5: ottimizzar tal-iskambju elettroniku tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali tar-reġistrazzjoni.

Jekk l-għażliet 3 u 5 jiġu kkombinati flimkien, dawn joħlqu ffrankar relattivament għoli ta' almenu EUR 1 445 miljun u fl-istess waqt joffru impatt pożittiv jew newtrali fuq il-gruppi kollha fil-mira.

Fir-rigward tal-għamla tal-istrument leġiżlattiv, il-valutazzjoni tal-impatt tirrakkomanda regolament.

5. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

Il-problemi differenti msemmija f'din il-valutazzjoni tal-impatt għadhom mhumie x suġġetti għal-liġi sekondarja tal-UE. Għaldaqstant, dawn huma ggvernati mid-dispożizzjonijiet tat-TFUE. Is-sistemi nazzjonali u l-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini u n-negozji huma differenti ferm, speċjalment għall-vetturi li kienu rreġistrati qabel fi Stati Membru ieħor. Għaldaqstant, huwa importanti li titqiegħed fis-seħħ skema koerenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bla, madankollu, ma toħloq piż amministrattiv addizzjonali għaċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet nazzjonali tar-reġistrazzjoni. Bħalissa, qajla hemm statistika preċiża dwar ċerti gruppi fil-mira li jintlaqtu direttament mill-problemi attwali fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur, speċjalment dwar iċ-ċittadini li jittrasferixxu l-vetturi tagħhom minn pajjiż għal ieħor jew dwar is-suq tal-vetturi bil-mutur użati. M'hemm ukoll l-ebda statistika preċiża dwar l-ammont ta' diffikultajiet u ż-żmien meħtieġ għar-reġistrazzjoni mill-ġdid fi Stat Membru ieħor. Madankollu, l-applikazzjoni tas-softwer 'EUCARIS' tagħti statistika li tista' tintuża bħala indikaturi.

Huwa suġġerit li jintużaw l-indikaturi u l-metodi ta' monitoraġġ li ġejjin fid-dawl ta' evalwazzjoni tal-istrument leġiżlattiv, fi żmien erba' snin wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni proprja:

Min intlaqat mill-problemi?	Indikaturi/ metodi għall-monitoraġġ
Ċittadini li jixtru vettura bil-mutur użata fi Stat Membru ieħor	- Għadd ta' lmenti; - Għadd ta' każijiet SOLVIT; - Għadd ta' każijiet fil-qrati; - Għadd ta' rikjesti liċ-Ċentri Ewropej għall-Konsumaturi; - Għadd ta' reġistrazzjonijiet mill-ġdid u dereġistrazzjonijiet; - Konsultazzjoni pubblika, b'mod partikolari dwar il-piżijiet amministrattivi
Ċittadini li jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor u jieħdu l-vettura tagħhom magħhom	
Ċittadini li jgħixu parti mis-sena fi Stat Membru ieħor	
Ċittadini li jaqsmu fruntieri għax-xogħol bil-karozza tal-kumpanija	
Intrapriżi tat-twellija u l-kiri tal-karozzi	Stħarriġ indirizzat speċifikament lil dan is-settur
Awtoritajiet nazzjonali tar-reġistrazzjoni	Stħarriġ indirizzat speċifikament lill-awtoritajiet nazzjonali tar-reġistrazzjoni
Il-gruppi kollha fil-mira	Statistika EUCARIS.